

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/475**tas-27 ta' Marzu 2020****li jagħlaq, b'mod temporanju, l-istaġun tas-sajd għar-redfish fiż-żona 3M tan-NAFO tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2020.
- (2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tar-redfish li l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew irreġistrati fih għamlu fiż-żona 3M tan-NAFO eżawrew il-kwota ta' nofs it-terminu allokata għalihom għall-perjodu ta' qabel l-1 ta' Lulju 2020.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk sat-30 ta' Ġunju 2020,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-istokk tar-redfish fiż-żona 3M tan-NAFO għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2020, inkluża dik id-data, għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropew jew li huma rreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament sat-30 ta' Ġunju 2020, inkluża dik id-data.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jstabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Numru	03/TQ123
Stat Membru	L-Unjoni Ewropea (l-Istati Membri kollha)
Stokk	RED/N3M.
Speċi	Ir-redfish (<i>Sebastes spp.</i>)
Żona	Iż-żona 3M tan-NAFO
Perjodu tal-għeluq	Mill-25 ta' Frar 2020 f'24:00 f'UTC sat-30 ta' Ġunju 2020